Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10136 —PGGM/Arcus/AMP/Alpha Trains)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 32/13)

1. Fil-25 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Stichting Depositary PGGM Infrastructure Funds, parti mill-PGGM Group ("PGGM", in-Netherlands);

— Arcus European Investment Manager LLP ("Arcus", ir-Renju Unit);

— AMP Capital Investors ("UK") Limited ("AMP", ir-Renju Unit); kif ukoll

— Alpha Trains (Luxembourg) Holdings S.à.r.l. ("Alpha Trains", il-Lussemburgu).

PGGM, Arcus u AMP jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll bi sħab ta' Alpha Trains.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— PGGM: il-ġestjoni tal-pensjonijiet għal fondi differenti tal-pensjoni, l-impjegaturi affiljati u l-impjegati tagħhom;

— Arcus: ġestjoni indipendenti tal-fondi u li tispeċjalizza fl-infrastruttura Ewropea;

— AMP: ġestjoni tal-investiment u li taħdem fuq firxa wiesgħa ta' klassijiet ta' assi madwar id-dinja;

— Alpha Train: kumpanija speċjalizzata fil-kiri tal-ferroviji u li tipprovdi vetturi ferrovjarji lil operaturi kemm pubbliċi kif ukoll privati f'għadd ta' pajjiżi madwar l-Ewropa kontinentali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10136 —PGGM/Arcus/AMP/Alpha Trains

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË